MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 18/2008/1

**Josephine Vella u John Mizzi**

**v.**

**Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti**:

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell minn sentenza preliminari dwar ftehim kollettiv u r-rabta kuntrattwali fuq min ihaddem. Is-sentenza appellata nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, fl-24 ta’ Lulju 2009. L-appell tal-Korporazzjoni Enemalta gie ntavolat fil-31 ta’ Awissu 2009 wara li l-ewwel Qorti fis-seduta tal-10 ta’ Awissu 2009 laqghet it-talba tal-Korporazzjoni konvenuta li tappella mill-imsemmija sentenza fir-rikors taghha pprezentat nhar id-29 ta’ Lulju 2009 ai termini tal-Artikolu 231 tal-Kap 12. Ir-risposta tal-atturi appellati giet prezentata fis-17 ta’ Settembru 2009. L-appell instema’ fit-30 ta’ Novembru 2009. Ghall-ahjar intendiment tal-odjerna sentenza qed tigi riprodotta fl-intier taghha s-sentenza appellata u li minnha jirrizultaw il-premessi u t-talbiet kif migjuba fir-rikors guramentat, l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti li wassluha ghall-konkluzjoni taghha. Dik is-sentenza tghid hekk:

**“Il-Qorti:**

“Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-6 ta’ Marzu 2008 fejn l-atturi ppremettew li huma nginiera mpjegati mal-Korporazzjoni konvenuta, u d-dmirijiet taghhom jinkludu li jkun *on call*. Filwaqt li spjegaw li r-rata ta’ hlas hu regolat minn ftehim kollettiv li jigu ffirmati minn zmien ghal zmien mill-Korporazzjoni u l-Professional Officers’ Union, kemm ilhom jahdmu f’Ghawdex qeghdin jithallsu b’rata iktar baxxa minn dawk l-inginiera li jkunu *on call* f’Malta. Ghalhekk, permezz ta’ din il-kawza qeghdin jitolbu:

“1. Dikjarazzjoni li l-hlas ghal *on call duties* ghandu jkun l-istess kemm ghall-inginiera li jahdmu f’Malta kif ukoll dawk li jahdmu f’Ghawdex u dan kif jirrizulta mill-*collective agreements*.

“2. Likwidazzjoni tal-ammont dovut mill-Korporazzjoni konvenuta lill-atturi bhala hlas ta’ *on call allowance* skond il-ftehim kollettiv.

"Rat ir-risposta guramentata prezentata fit-23 ta' April 2008 (fol. 115) mill-Korporazzjoni[1] fejn eccepiet li t-talbiet attrici fil-konfront tal-Korporazzajoni Enemalta huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghaliex :-

"1. Preliminarjament it-talba tal-atturi hi preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2147(c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu ghal dawk l-ammonti li jirreferu ghal perjodu li jmur lil hinn minn tnax-il xahar.

"2. Sussidjarjament u minghajr il-pregudizzju, il-konvenuti [recte: l-atturi] jithallsu *"on call allowance"* ekwa u gusta u li fl-ebda mod ma tmur kontra l-ftehim kollettiv kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din l-kawza.

"3. Effettivament il-hlas ta' l-On call Allowance isir ai termini ta' ftehim datat 5 ta' Novembru 1993 illi jirregola dan il-hlas u dan kif jirrizulta mid-dokumenti ENI hawn anness, ghal liema ftehim l-Ing. Josephine Vella kienet sahansitra parti.
"4. L-atturi dejjem accettaw il-pagamenti maghmula ai termini ta' dan il-ftehim u ghaldaqstant din tikkostitwixxi rinunzja ghall-kwalsiasi talba ulterjuri ghall-hlas ta' arretrati.

"Rat is-sentenzi parzjali li nghataw fil-11 ta' Lulju 2008 u fit-28 ta' Ottubru 2008;

"Semghet il-provi;

"Rat l-atti kollha;

"Rat li hadd mill-partijiet ma pprezenta nota ta' sottomissjonijiet;

"Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Marzu 2009 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

[1] Fis-sentenza ta' l-ewwel qorti hemm linja ripetuta, evidentement bi zball, li qed tigi hawn imhollija barra – Qorti ta' l-Appell.

"Ikkunsidrat:-

"1. L-atturi huma nginiera u jahdmu mal-Korporazzjoni Enemalta. Permezz ta' din il-kawza qeghdin jitolbu hlas ta' *on call allowance* bir-rati stabbiliti fil-ftehim kollettiv. Dan hu hlas li jsir lil dawk l-inginiera li wara l-hin tax-xoghol jibqghu *on call* ghall-emergenzi li jistghu jinqalghu. Id-dmirijiet ta' on call huma tlieta[2]:-

"a. Li jkun disponibbli fil-hin kollu li jkunu *on call*; b. Jizguraw li kif jinqala' l-kaz l-ewwel prijorita` ghandha tkun li s-servizz tad-dawl jinghata lura lill-konsumatur; c. Ladarba s-servizz ikun rega' nghata, irid jigi stabbilit fejn qeghda l-hsara u ssir it-tiswija mehtiega. F'dan ir-rigward tithallas is-sahra.

"L-atturi jifformaw parti mill-Professional Union's[3] Union li tirraprezenta l-interessi ta' ufficcjali professjonali, fosthom dawk li ghandhom *warrant* ta' inginier. M'huwiex kontestat li l-atturi huma nginiera u ghandhom *warrant* sabiex jipprattikaw bhala tali[4].

"2. Skond il-Ftehim Kollettiv ghall-perjodu:

" · **16/9/1991-31/12/1995** l-*on call allowanc*e kienet:
Hdud u festi pubblici.......................Lm33 (24 siegha).
Sibtijiet...........................................Lm21 (24 siegha).
Matul il-gimgha..............................Lm12 (16 siegha).

"· **1999-2001** l-*on call allowance* kienet:
Hdud u festi pubblici.......................Lm44 (24 siegha).
Sibtijiet...........................................Lm28 (24 siegha).
Matul il-gimgha
Xitwa (14.75 siegha).......................Lm14.75
Sajf (18 siegha)...............................Lm18.

"· **2002-2005** l-*on call allowance* kienet[5]:

---

2 Ara fol. 190.
3 Recte: Professional Officers' Union – il-Qorti ta' l-Appell.
4 Fil-kaz ta' John Mizzi ara ittra ta' hatra datata 15 ta' April 2002 a fol. 139.
5 Fol. 19: "It is hereby notified that the EPOU Collective Agreement 1999-2001 still holds with the amendments of the following clauses and ........".

Hdud u festi pubblici.......................Lm44 (24 siegha).
Sibtijiet..........................................Lm28 (24 siegha).
Matul il-gimgha
Xitwa (14.75 siegha).......................Lm14.75
Sajf (18 siegha)...............................Lm18.

"· **1/1/2006 – 31/12/2010** l-*on call allowance* hi:
Hdud u festi pubblici.......................Lm44 (24 siegha).
Sibtijiet..........................................Lm28 (24 siegha).
Matul il-gimgha
Xitwa (14.75 siegha).......................Lm14.75
Sajf (18 siegha)...............................Lm18.

"3. Skond is-sentenza parzjali tat-28 ta' Ottubru (fol. 168) l-atturi ghandhom jedd jitolbu hlas **mill-11 ta' April 2005**, in kwantu l-qorti kkonkludiet li fir-rigward tal-perjodi precedenti t-talba tal-atturi hi preskritta. B'sehh mill-20 ta' Dicembru 2007 l-attrici nghatat il-kariga ta' Assistant Manager, u l-ftehim jistipula l-hlas li ghandu jsir kull sena bhala *on call allowance* (fol. 143)[6]. Ghalhekk fil-kaz taghha b'sehh mill-20 ta' Dicembru 2007 zgur li japplika ftehim differenti minn dak kontemplat fil-Ftehim Kollettiv.

"4. Dwar il-hlas ta' *on call allowance*:-

"(a) L-argument tal-Korporazzjoni hu li l-hlas lill-attrici hu regolat mill-ftehim li kien sar fil-5 ta' Novembru 1993 (fol. 12) fejn gie pattwit hlas ta' Lm500 fis-sena. Il-Korporazzjoni ssostni li l-ftehim kollettiv ma kienux qeghdin jissupperaw il-ftehim tal-5 ta' Novembru 1993. Novazzjoni, li hi mod ta' estinzjoni ta' obbligazzjoni, u ma tista' qatt tigi prezunta[7] u fid-dubju ghandha tigi eskluza. Fil-fehma tal-qorti l-ftehim tal-5 ta' Novembru 1993 gie superat b'dak pattwit fil-Ftehim Kollettiv. Ghall-perjodu in kwistjoni l-ftehim kollettiv li kienu japplikaw huma 2002-2005[8] u 2006-2010. F'kull wiehed minn dawn il-ftehim tapplika l-klawzola li:-

---

[6] L-attrici stess ikkonfermat li mis-sena 2008 m'hijiex tippretendi hlas tal-*on call allowance* skond il-ftehim kollettiv.
[7] Artikolu 1180(2) tal-Kodici Civili jipprovdi: "Hija mhix prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car.".
[8] Fil-kaz tal-ftehim kollettiv ghall-perjodu 2002-2005 jinghad: "It is hereby notified that the EPOU Collective Agreement 1999-2001 still holds with the amendments of

*"The terms and conditions of employment that shall apply to professional officers of the Corporation governed by this Agreement shall be those as agreed to between the Corporation and the Union and as provided for in this Agreement."*

"Il-qorti hi konvinta li b'din il-klawzola l-partijiet ftehemu li l-ftehim kollettiv kien dak li kellu jirregola l-pattijiet u kondizzjonijiet tal-impjieg tal-professjonisti tal-Korporazzjoni. Ghalhekk hemm dikjarazzjoni espressa li l-ftehim hu dak li jirrizulta mill-ftehim kollettiv u xejn iktar. Dan iwassal lill-qorti biex tikkonkludi li gialadarba r-rata ta' hlas ghal *on call duty* gie regolat fil-ftehim kollettiv, allura dan il-ftehim jissupera l-ftehim li sar fil-5 ta' Novembru 1993 bejn l-attrici u l-Korporazzjoni. Il-qorti hi tal-fehma li m'ghandix toqghod tipprova tinterpreta x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet fiz-zmien li gie ffirmat il-ftehim, meta din l-intenzjoni hi riflessa fil-kliem li ntuza fil-ftehim kollettiv. L-Artikolu 1002 jipprovdi: *"meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni."*

"(b) Lill-attur hu regolat mill-ftehim kollettiv. Relazzjoni guridika li tirrizulta minn ftehim kollettiv tikkostitwixxi kuntratt bejn il-firmatarji (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Joseph Sammut vs Francis Vassallo nomine** deciza fid-19 ta' Mejju 2000)[9]. Ma jirrizultax li l-attur u l-Korporazzjoni konvenuta qatt ghamlu xi ftehim *ad hoc* dwar hlas ta' *on call allowance*. Ghalhekk il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ir-rati ta' hlas ghandhom ikun differenti minn dawk stipulati fil-ftehim kollettiv, u li l-Union tal-professjonisti ffirmat ghan-nom tal-membri taghha (fosthom l-attur). Fil-kawza fl-ismijiet **Gloria mart**

---

the following clauses......" (fol. 19), u fil-ftehim kollettiv 1999-2001 hemm il-klawzola citata mill-qorti (ara fol. 17).

[9] Ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawza **Joseph Silvio vs Corinthia Palace Company Limited deciza fis-27 ta' Frar 2009**: *"........l-Ftehim Kollettiv huwa kuntratt li jiddixxiplina b'mod generali r-rapporti tax-xoghol ta' kategorija ta' haddiema bl-intervent tal-Union li tirrapprezentahom. Huwa kuntratt importanti hafna mhux biss ghal kontenut tal-kondizzjonijiet tax-xoghol pattwiti fih imma ghaliex, fundamentalment, dawk l-istess kondizzjonijiet u d-dixxiplini l-ohra tieghu ghandhom jitqiesu r-regoli ta' gudizzju li jridu jigu assunti meta tinsorgi xi kwestjoni jew problema bejn l-interessati."*.

**Jonathan Beacom et vs l-Arkitett u Ingenier Civili Anthony Spiteri Staines** (Appell deciza fil-5 ta' Ottubru 1998), gie dikjarat li: *"U meta l-kliem tal-konvenzjoni mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt hu car, ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni (artikolu 1002). Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda."* Minkejja li l-Korporazzjoni ma taqbilx mat-tezi tal-atturi, hu evidenti li matul is-snin baqghet taghmel ftehim kollettiv godda minghajr ma tinsisti mal-Union li fil-klawzola relatata mal-*on call duty* ssir distinzjoni bejn l-inginiera li jaghmlu dan ix-xoghol f'Malta u dawk li jaghmluh f'Ghawdex. Mhux hekk gara per ezempju fil-kaz tal-ftehim kollettiv li sar ghas-snin 2002-2005 mal-General Workers' Union dwar *Chemicals, Energy and Printing Section* (fol. 25-27), fil-kaz ta' impjegati f'Ghawdex li jahdmu *shift*. Ghalkemm fir-risposta guramentata (fol. 115) il-Korporazzjoni ssostni li l-hlas qieghed isir skond il-ftehim tal-5 ta' Novembru 1993, John Mizzi ma kienx parti ghalih. Dak il-ftehim hu *res inter alios acta* ghal dan l-attur. Skond l-inginier Peter Grima, l-atturi ghandhom jibqghu jithallsu s-somma ta' €1,164.69 fis-sena ghaliex dawk l-inginiera li jahdmu u jghixu f'Ghawdex kienu qeghdin jintalbu jaghmlu l-*on call duty* taghhom f'Ghawdex biss[10]. Jidher li ghall-Korporazzjoni dan ifisser li l-attur m'ghandux dritt li jithallas daqs il-kollegi tieghu li jaghmlu l-*on call duty* f'Malta, minkejja li ghalih japplika l-istess Ftehim Kollettiv. Il-Korporazzjoni jidher li qeghda targumenta wkoll li waqt li jkun *on call*, l-inginier f'Malta jissejjah iktar drabi minn inginier f'Ghawdex. Fl-ewwel lok il-qorti ma tistax tonqos milli tirrileva li inginier li jaghmel *on call* f'Ghawdex ikollu jqatta' hafna iktar sighat *on call* minn inginier f'Malta, cirkostanza li jidher li l-Korporazzjoni m'hijiex tqies minkejja li fil-hin tal-*on call* l-inginier irid ikun disponibbli *"il-hin kollu"*. Dan in kwantu f'Malta ghandek pool ta' inginiera mentri f'Ghawdex jaghmluh tnejn min-

---

[10] F'dan il-kuntest l-inginier Peter Grima xehed: "Fir-rigward ta' John Mizzi ma ghandux concession b'mod formali. Hu, l-istess bhal l-Inginier Vella, ma ghandhom xejn bil-miktub li ma jaghmlux xoghol ta' on call duty f'Malta." (fol. 200-201).

nies biss. Skond l-inginier Charles Grixti[11]: *"Nikkonferma li bejn l-ewwel (1) ta' Novembru tat-two thousand and six (2006) sal-ewwel (1) ta' Novembru two thousand and eight (2008), f'Malta bhala inginiera kelli jaghmlu on call duties bejn tnax (12) u hmistax (15)."* (fol. 203). Ghalkemm l-istess inginier xehed li: *"...bejn l-1 ta' Novembru 2006 u l-1 ta' Novembru 2008 in-numru ta' drabi li inginiera f'Malta u f'Ghawdex kellhom bzonn johorgu wara l-hin normali tax-xoghol fuq il-lant tax-xoghol kien ta' 247 darba u 53 darba rispettivament."* (fol. 188), ma nghata l-ebda taghrif kemm kull inginier li jaghmel l-*on call* kellu johrog drabi. Dan apparti l-fatt li kif rajna n-numru ta' inginiera f'Malta hu hafna iktar minn dawk li jaghmlu *on call* f'Ghawdex.

"Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-Korporazzjoni. Il-Ftehim Kollettiv ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn l-inginiera li jahdmu Malta u dawk li jahdmu f'Ghawdex, jew dawk li jkunu *on call* f'Malta u Ghawdex. Kull Ftehim Kollettiv jaghmilha car li ***"The terms and conditions of employment that shall apply to professional officers of the Corporation governed by this Agreement shall be those as agreed to between the Corporation and the Union and as provided for in this Agreement."***[12]. L-inginier Peter Grima, Chief Technical Officer fil-Korporazzjoni, isostni: *"Naghlaq biex nghid illi filwaqt illi l-Korporazzjoni, fid-dawl ta' dak li ghidt aktar 'l fuq tishaq u tinsisti illi l-on call allowance mhallsa lill-inginiera stazzjonati Ghawdex ghandha tkun differenti minn dik imhallsa lil dawk li joperaw f'Malta....."* (fol. 187). Madankollu l-ftehim kollettiv ma jaghmel l-ebda distinzjoni f'dan ir-rigward. Il-qorti hi tal-fehma li jekk tithalla ssir din id-distinzjoni jkun ifisser li l-Korporazzjoni qeghda b'mod unilaterali tinghata l-jedd li tvarja dak li gie pattwit, permezz tal-ftehim kollettiv, mal-Professional Officers' Union. Antoine Busuttil, kap tat-Taqsima Industrijali u Relazzjonijiet ta' Impjieg fil-Korporazzjoni, ikkonferma li *".....meta l-Professional Officers' Union taghmel ftehim mal-Korporazzjoni Enemalta forma ta' collective agreement, dak il-ftehim tkun qeghda taghmlu wkoll f'isem*

[11] Seduta tal-4 ta' Marzu 2009 (fol. 203).
[12] Ara per ezempju Ftehim Kollettiv li sar fil-21 ta' Frar 2008 (fol. 28).

*l-atturi li ghandhom kariga professjonali mal-Korporazzjoni Enemalta."*[13] F'tali cirkostanzi ghal kull tibdil fil-Ftehim Kollettiv jehtieg li jkun hemm il-ftehim taz-zewg partijiet. Konsiderazzjoni ohra hi li l-Korporazzjoni ma tat l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens.

"5. Il-Korporazzjoni ssostni wkoll li l-atturi m'ghandhom l-ebda jedd ghall-hlas in kwantu accettaw il-pagament li rcevew minghand il-konvenuta. Skond il-Korporazzjoni l-accettazzjoni tal-pagament ta' €1,164.69 tfisser rinunzja ghal xi hlas addizzjonali. Il-qorti ma taqbilx. Mill-provi rrizulta kif il-hlas li jsir lill-atturi kull xahar m'huwiex biss limitat ghal *on call allowance*, izda jinkludi salarju u hlas ta' *allowances* ohra. Ovvjament hadd ma seta' jippretendi li l-atturi ma jsarrfux ic-cekk, li wara kollox kien il-metodu tal-hlas ghax-xoghol li jaghmlu. Wisq inqas ma kienx floku li kull darba li jircievu c-cekk jibghatu lura l-pagament li kien jirreferi ghal *on call duty*. Irrizulta wkoll li din il-kwistjoni ilha ghaddejja snin twal u li l-atturi kienu qeghdin jipprotestaw b'mod insistenti li l-kollegi taghhom f'Malta kienu qeghdin jithallsu b'rati ghola li jirriflettu l-ftehim kollettiv. L-attrici Josephine Vella ghamlet riferenza ghas-sena 2001, verzjoni li ma gietx kontradetta mill-Korporazzjoni. Il-qorti hi moralment konvinta li l-hlas kien qieghed jigi accettat taht protesta u li l-atturi ma kellhom l-ebda hsieb li jirrinunzjaw ghad-drittijiet taghhom. F'decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili[14] fid-9 ta' Ottubru, 2003, **Alfred Cauchi –vs– Joseph Xuereb** gie osservat: *"Ir-rinunzji huma di stretto diritto u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli ma' konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta` preciza ta' rinunzja. Kwindi ma jistax jigi konkluz illi jkun hemm rinunzja tacita jekk mill-provi ma jkunx hemm indizji cari u assoluti li l-volonta` tal-persuna jew persuni tbiddlet. Ghandu jsegwi minn dan kollu li jekk l-indizji u l-fatti jhallu dubju dwar il-volonta` tal-persuna, dan ghandu jittiehed kontra l-ezistenza tar-rinunzja."* Tant l-atturi ma rrinunzjawx ghad-drittijiet taghhom li meta raw li ma kienux qeghdin jinghataw widen ghall-ilment gustifikat

---

[13] Seduta tad-9 ta' Jannar 2009 (fol. 183).
[14] Imhallef Tonio Mallia.

taghhom, minkejja l-intervent tal-Union li tirraprezenta l-interessi tal-professjonisti, intavolaw il-kawza.

"**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta u tiddikjara li l-atturi ghandhom jedd li jithallsu *on call allowance* skond ir-rati ta' hlas stipulati fil-Ftehim Kollettiv**.

"**Ghal finijiet tat-tieni talba qeghda tiddiferixxi l-kawza ghas-seduta tas-27 ta' Ottubru 2009 fin-12.30pm sabiex jitressqu provi dwar l-ammont dovut lill-atturi skond ir-rati ta' hlas kontemplati fil-Ftehim Kollettiv applikabbli**.

"**Spejjez a karigu tal-Korporazzjoni konvenuta. L-ispejjez relatati mas-sentenzi parzjali li nghatatw fil-11 ta' Lulju 2008 u 28 ta' Ottubru 2008 jibqghu kif ordnat f'dawk is-sentenzi**."

**L-appell**

**2.** Il-Korporazzjoni appellanti talbet lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza hawn aktar 'l fuq riportata b'mod li ghalhekk tilqa' l-eccezzjonijiet taghha, bl-ispejjez kontra l-appellati Vella u Mizzi.

**3.** Fir-risposta ghall-appell ipprezentata fis-17 ta' Settembru 2009 l-appellati talbu li s-sentenza ghandha tigi konfermata fit-totalità taghha u li l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni appellanti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**4.** Din il-Qorti ghandha quddiemha appell li fih erba' (4) aggravji li kollha essenzjalment jikkoncernaw jekk ghandux japplika l-ftehim tal-5 ta' Novembru 1993 (fol. 12) jew id-diversi ftehim kollettivi li gew konkluzi wara minn zmien ghal zmien. Din il-Qorti sejra tikkunsidra dawna l-aggravji *seriatim*.

**5.** L-ewwel aggravju tal-Korporazzjoni konvenuta kontra din is-sentenza hu maghmul jikkonsisti filli: "…*l-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha illi l-"on-call allowance" dovuta lill-atturi ghandha tithallas skond il-Ftehim Kollettiv in vigore minn zmien ghal zmien minkejja il-ftehim tal-5 ta' Novembru 1993 u minkejja illi dejjem sar hlas ta' tali "allowance" skond il-ftehim tal-1993*." Il-Koporazzjoni appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti "*skartat ghal kollox il-ftehim tal-5 ta' Novembru 1993 illi kien jiehu in konsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari ta' Ghawdex fejn kellek zewg inginiera u fil-waqt illi hu minnu illi l-hinijiet illi wiehed ikun "on-call" huma superjuri ghal dak illi l-inginiera f'Malta huma suggetti, il-possibilita` illi wiehed jigi imsejjah ghax-xoghol waqt li jkun "on-call" hija anqas peress illi f'Ghawdex ma' tezistiex l-infrastruttura li tezisti f'Malta."* Il-Korporazzjoni appellanti ilmentat ukoll "*dwar in-nuqqas ta' koerenza fir-ragunar ta' l-ewwel Onorabbli Qorti peress illi ma jaghmilx sens illi l-ewwel Onorabbli Qorti tirrikonoxxi l-validita` u l-effikacja tal-ftehim li sar bejn il-Korporazzjoni appellanti u l-attrici Josephine Vella tal-20 ta' Dicembru 2007 imma mhux dak tal-5 ta' Novembru 1993. Galadarba l-ewwel Onorabbli Qorti rrikonoxxiet il-possibilita` illi l-kontendenti jidhlu fi ftehim illi jiddipartixxi mit-termini ta' Ftehim Kollettiv bhalma kien il-kaz tal-ftehim imsemmi tal-20 ta' Dicembru 2007, allura l-konkluzjoni logika kellha tkun illi anke il-ftehim tal-5 ta' Novembru 1993 kellu jirregola r-rapport guridiku bejn l-Korporazzjoni appellanti u l-appellata Josephine Vella fir-rigward tad-dmirijiet li l-istess appellata twettaq meta tkun inginiera tal-ghassa.*"

**6.** Fir-risposta taghhom ghal dan l-aggravju, l-appellati wiegbu billi rreferew ghal xhud prodott mill-Korporazzjoni "*illi xehed bl-aktar mod car illi l-engineera (recte: inginiera) gewwa Ghawdex jahdmu ferm iktar mind awk (recte: minn dawk) gewwa Malta u dana b'kuntrast car ma' dak li jintqal fl-appell ta' l-istess Korporazzjoni.*" L-appellati kkonkludew it-twegiba taghhom billi sostnew li ma' kienux qeghdin jippretendu zieda jew hlas addizzjonali: "*Kull ma kienu u qeghdin jippretendu f'dina l-istess kawza huwa li huma jigu mhallsa tas-sighat li effettivament jahdmu u dana skond il-ftehim kollettiv li jirregola l-istess engineera (recte: inginiera) mal-Korporazzjoni Enemalta.*"

**7.** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-ittri ta' ingagg tal-appellati, il-memorandum tal-5 ta' Novembru 1993[15], il-minuti dwar il-ftehim mal-inginiera Ghawdxin[16] u l-ftehim kollettiv u minnhom jirrizulta s-segwenti:

(a) Bis-sahha ta' ittra ta' ingagg bid-data tas-17 ta' Novembru 1992, il-Korporazzjoni appellanti, in esekuzzjoni ta' decizjoni tal-Bord tad-Diretturi, impjegat maghha lill-Inginier Josephine Vella bhala Professional Officer I (Electrical). L-Inginier Vella bdiet twettaq id-doveri taghha f'Malta.

(b) Ftit tax-xhur wara, il-Management tal-Korporazzjoni wera l-intenzzjoni li jittrasferixxi lill-Inginier Vella u ntweriet il-htiega li l-membri tal-Management jiltaqghu halli jiddeciedu fuq kemm ghandu jkun il-hlas tal-*on-call allowance* ghall-inginiera Ghawdxin: "*in the circumstances we should get together with F.M. to decide on an on-call allowance for the Gozo Engineers.*"[17] Qabel saret il-laqgha interna tal-Management sar tentattiv biex jigi maghruf x'kien l-arrangament li kien sar mal-inginiera f'Malta halli jittiehed bhala bazi fin-negozjati mal-inginiera f'Ghawdex ghal arrangament simili maghhom.[18] Il-Management irrefera ghar-rati li kienu qeghdin jithallsu lill-inginiera f'Malta f'dak il-perjodu, u kkonsulta l-*personal file* ta' inginier f'Ghawdex li kien irtira mis-servizz. Nhar is-6 ta' Ottubru 1993, saret laqgha tal-Management fejn gie deciz li joffru l-ammont ta' hames mitt Lira (Lm500) (illum dan l-ammont hu ekwivalenti ghal elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu [€1164.69]) fis-sena.[19] Wara li saret din l-offerta, il-Management gie infurmat li z-zewg inginiera ghal Ghawdex: "*they would like to be paid like the Maltese Engineers. Since the Gozo roster will be based on 2 engineers instead of 9 as in Malta, each engineer in Gozo will be getting approx Lm3000 per annum.*"[20] L-ufficjal inkarigat gibed l-attenzjoni li: "*the rates*

---

[15] A fol. 12
[16] A fol. 207 sa fol. 213
[17] Minuta numru 25 a fol. 207
[18] Minuta numru 27 a fol. 208
[19] Minuta numru 33 a fol. 210
[20] Minuta numru 35 a fol. 210 sa fol. 211

*for Malta were based on the occurrance of faults and hence the time engineers spent outside. The relative times for Gozo are much less than those of Malta.*"[21] F'dan l-istadju l-Management kien ghad irid ikompli bin-negozjati. Permezz ta' memorandum mibghut lill-Management l-appellata Inginier Vella u inginier iehor infurmaw lill-Management li huma kienu qed jaqblu li jithallsu: "I - *a sum of Lm500 per engineer is to be paid as Disturbance Allowance."*[22] Fl-imsemmi memorandum, iz-zewgt inginiera kkundizzjonaw il-hlas ta' din id-Disturbance Allowance ghal aggustament *pro rata* "*with any increase in ON Call Allowance applicable in Malta.*"[23] Wara li l-Management ircieva l-memorandum gie rregistrat *stalemate* peress li kien hemm nuqqas ta' qbil dwar kif kellhom jithallsu r-rati tal-*overtime* lill-inginier li m'huwiex parti f'din il-kawza. Dan l-i*stalemate* kien gie superat meta l-imsemmi inginier kien lest jaccetta l-kundizzjonijiet li ghamillu l-Management tal-Korporazzjoni, u mbaghad sar arrangament biex isir ir-*roster* tax-xoghol.[24] Din il-Qorti tosserva li, mill-provi pprezentati, kollox waqaf hemm u l-ftehim ma giex kristallizzat b'decizjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-Korporazzjoni u/jew b'kitba formali bil-firem taz-zewg partijiet involuti. L-appellata, fil-fatt, fid-depozizzjoni taghha qalet: "*Jiena ma ghandix xi haga fil-pussess tieghi, xi dokument, biex nuri li kien hemm qbil dwar l-ahhar paragrafu tad-dokument a fol. tnax (12) tal-process. Id-dokument ma huwiex ftehim izda kienet talba min-naha tieghi u l-Inginier l-iehor. Però l-hlas ghal dik is-sena kien sar skond dik it-talba.*"[25] Il-Qorti tosserva wkoll li l-memorandum innifsu ma ghandu fuqu ebda firem jew inizzjali tal-membri tal-Management li lilhom l-istess memorandum kien indirizzat. Dan ifisser li min-naha tal-Korporazzjoni ma kienx hemm irbit fir-rigward taghha, u meta riedet setghet terga' lura minn dak il-"ftehim". Il-ftehim, jekk wiehed jista' jsejjahlu hekk, kien wiehed *ad hoc* sabiex jindirizza c-cirkostanza fejn il-Korporazzjoni appellanti taghmel xi arrangament sabiex ma tispiccax minghajr inginiera meta wara l-hinijiet tax-xoghol isehhu xi

---

[21] Ibid.
[22] A fol. 12
[23] Ibid.
[24] Minuti numri 38 sa 43 a fol. 211 sa fol. 213
[25] A fol. 119 sa 120

hsarat fl-infrastruttura taghha f'Ghawdex. Tant kien baqa' mhux maghluq jew milhuq il-ftehim li sahansitra anke meta sar il-hlas tad-*disturbance allowance* ma thallasx l-istess ammont li kien suppost miftiehem u cioè hames mitt Lira Maltija (Lm500) fis-sena u l-appellata tghid li f'sena wahda ircieviet izjed: "*Nikkonferma illi meta jiena ghamilt sena shiha on call duty, kont ircevejt bhala hlas elf (1000) lira. Ghalhekk is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) tirreferi ghal nofs sena, sitta u ghoxrin (26) gimgha. Kull darba li jiena ghamilt xi talba biex tizdied l-on-call allowance jiena ma kontx qed nibbaza ruhi fuq dak illi jinghad fid-dikjarazzjoni a fol. tnax (12), ibbazajt ruhi fuq il-collective agreement.*"[26]

(c) Sadanittant, nhar it-18 ta' Marzu 1994 gie ffirmat il-ftehim kollettiv bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-Enemalta Professional Officers' Union (E.P.O.U.) li jkopri l-perjodu ta' bejn is-16 ta' Settembru 1991 u l-31 ta' Dicembru 1995. Ma hux kontestat li l-appellati fil-perijodu in kwistjoni kienu membri tal-E.P.O.U. Issa, hu stabbilit li ftehim kollettiv ghandu sahha ta' kuntratt bejn il-partijiet. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Francis Paris et vs Maltacom plc** [27] insibu li:

*"Gudizzjarjament, pero`, jidher li l-Qrati taghna dejjem qisu Ftehim Kollettiv bhala kuntratt legali u enforzabbli bhal kull kuntratt iehor. Din il-Qorti, fil-kawza <u>Borg noe vs Tabone noe</u>, deciza fil-11 ta' Gunju, 1991, qieset Ftehim Kollettiv bhala kuntratt enforzabbli, u ghalkemm il-punt ma kienx gie diskuss, il-konkluzzjoni tal-Qorti ma setghetx tkun b'mod iehor kieku l-Qorti ma qiesetx il-Ftehim Kollettiv bhala kuntratt li jorbot lill-partijiet. Fil-kawza <u>Sammut vs Vassallo noe</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju, 2000, ittiehdet, milli jidher, pozizzjoni aktar cara ghax fiha jinghad li "Ir-relazzjonijiet guridici li jemanu minn Ftehim Kollettiv, <u>li indubbjament jikkostitwixxu kuntratt bejn il-firmatarji tieghu</u>, u cioe`, il-Bank u r-rapprezentanti tal-haddiema, kienu relazzjonijiet li jemanu ex contractu u bhala tali sindikabbli mill-Qrati ordinarji" (sottolinear ta' din il-Qorti). Din il-veduta, fil-*

[26] A fol. 175
[27] Qorti Civili, Prim Awla, tas-7 ta' Ottubru 2004

*fehma tal-Qorti, ghandha tikristallizza l-pozizzjoni b'mod definittiv ghax fiha gie deciz li Ftehim Kollettiv huwa kuntratt enforzabbli gudizzjarjament mill-Qrati ordinarji. Dawn il-Qrati, b'sentenzi ohra, abbraccjaw dan il-principju, tant li fil-kawza Agius vs Galea Debono noe, deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' Ottubru, 2002, intqal illi:*

*""ftehim kollettiv ghandu bhala oggett li jistabilixxi l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tax-xoghol ta' l-impjegati, u li inoltre ftehim bhal dan jippresupponi dejjem li almenu meta jigi ffirmat, dan ikun maghmul f'isem il-maggoranza (hamsin fil-mija u wiehed) ta' l-impjegati. Ghalhekk ukoll hu meqjus bhala kuntratt, u allura ghandu jigi rispettat u osservat fit-termini tieghu kif jesprimu l-volonta` taz-zewg kontraenti".*

*"Fl-istess sens huma s-sentenzi moghtija, wahda mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-13 ta' Marzu, 1995, fil-kawza Fenech noe vs Tabone noe, u l-ohra moghtija minn din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru, 2003, fil-kawza Camilleri et vs The Cargo Handling Co. Ltd."*

(d) Dan it-taghlim japplika ghall-kaz in dizamina fejn mal-medda taz-zmien relevanti saru erba' (4) ftehim kollettivi u li ammontaw ghal kuntratt bejn il-Koporazzjoni appellanti u l-E.P.O.U. u li ssuperaw kwalsiasi ftehim li seta kien hemm qabel. Issa fil-kaz odjern, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, kull ftehim kollettiv ipprovda li l-pattijiet u kundizzjonijiet tal-impjieg li kellhom japplikaw ghall-Professional Officers tal-Korporazzjoni kellhom ikunu dawk kif miftehma bejn il-Korporazzjoni u l-E.P.O.U. u skond kif provdut fil-ftehim kollettiv. Dan il-provvediment hu car u juri x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet. Kwalunkwe ftehim precedenti kellu jispicca u r-rapport guridiku bejn il-partijiet kellu jkun regolat mill-ftehim kollettiv kif miftiehem bejn il-Korporazzjoni u l-*union*. Din l-intenzjoni li ghandhom japplikaw il-pattijiet u kondizzjonijiet tal-ftehim kollettiv fir-rigward tal-appellata Inginier Josephine Vella tidher cara wkoll mill-ittra tas-7 ta' Novembru 1994, fejn din inhatret Engineer II (Electrical) b'sehh mis-26 ta' Ottubru 1994 "*wara li temmejt il-perjodu ta' sentejn (2) servizz bhala Engineer I skond it-termini tal-Ftehim*

Kollettiv"[28] (sottolinear tal-Qorti). L-istess insibu fl-ittra tat-3 ta' Settembru 2001 dwar it-tibdil fin-nomenklatura tal-appellata liema tibdil sar "*skond Appendici 'C' tal-Ftehim Kollettiv ghall-ufficjali Professjonali*"[29]. Antoine Busuttil, Head Industrial and Employment Relations tal-Korporazzjoni Enemalta jkompli jghid: "*Nikkonferma illi l-Enemalta Professional Officers Union hi r-rapprezentant tal-ufficjali professjonali li jahdmu mal-Korporazzjoni Enemalta, fosthom l-atturi. Ghalhekk, meta l-Professional Officers Union taghmel ftehim mal-Korporazzjoni Enemalta forma ta' collective agreement, dak il-ftehim tkun qeghda taghmlu wkoll f'isem l-atturi li ghandhom kariga professjonali mal-Korporazzjoni Enemalta.*"[30] Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li "*l-ftehim tal-5 ta' Novembru 1993 gie superat b'dak pattwit fil-Ftehim Kollettiv.*"

**8.** Il-Korporazzjoni tilmenta li filwaqt li l-ewwel Qorti skartat il-ftehim tal-5 ta' Novembru 1993 hija rrikonoxxiet il-*Performance Agreement* li l-appellata Inginier Vella ffirmat mal-Korporazzjoni appellanti nhar l-20 ta' Dicembru 2007, u ghalhekk l-ewwel Qorti, dejjem skond l-appellanti, ikkontradixxiet ruhha. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument u tosserva li bejn il-ftehim tal-1993 u l-*performance agreement* m'hemmx paragun. Dak il-ftehim tal-1993 kien wiehed *ad hoc* li gie estint bil-ftehim kollettiv tal-1994. Il-*Performance Agreement* tal-2007 gie ffirmat meta ghadu fis-sehh il-ftehim kollettiv 2006 – 2010 li, bhala konsegwenza tal-*Performance Agreement*, il-pattijiet u kundizzjonijiet tieghu gew sospizi sakemm ma jergax jiggedded il-*Performance Agreement* jew l-impjegata tiddeciedi li ttemm l-istess kuntratt "*in which case the employee shall also revert to his substantive grade.*"[31]

**9.** It-tieni aggravju tal-Korporazzjoni appellanti jirrigwarda lill-appellat Inginier John Mizzi. Il-Korporazzjoni appellanti sostniet li "*ghalkemm hu ma kienx firmatarju tal-iskrittura*

---

[28] A fol. 141
[29] A fol. 142
[30] A fol. 183
[31] Klawsola 3.2 tal-Performance Agreement a fol. 144

*tal-5 ta' Novembru 1993, hu xorta accetta t-termini u kundizzjonijiet ta' din l-iskrittura meta accetta illi jwettaq id-dmirijiet "on-call" u accetta l-hlas illi l-Korporazzjoni appellanta wettqet ai termini tal-iskrittura tal-5 ta' Novembru 1993."* Il-Korporazzjoni appellanta qalet li l-appellat Inginier John Mizzi ma kkomunikax id-dissens tieghu li ma kienx qieghed jithallas skond il-ftehim kollettiv fejn ghandu x'jaqsam mal-*on-call allowance* ghalkemm seta' jaghmel dan. Fit-tielet aggravju taghha l-Korporazzjoni appellanta ssostni li "*l-appellati dejjem accettaw il-hlas skond l-iskrittura tal-5 ta' Novembru 1993 minghajr la qatt ma rritornaw il-hlas talli kienu nginiera tal-ghassa jew inkella accettaw il-hlas taht protest.*" Il-Korporazzjoni appellanta tilmenta li "*Wiehed l-anqas jifhem kif l-ewwel Onorabbli Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-korporazzjoni appellanta ai termini tal-artikolu 2148(d) tal-Kap. 16 imma mbaghad ma kkonkludietx illi l-appellati kienu rrinunzjaw ghad-drittijiet taghhom meta accettaw il-hlas miftiehem kif intqal. Dana peress illi kieku l-appellati ma kienux irrinunzjaw ghad-drittijiet taghhom, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma' kellhiex tintlaqa' kif fil-fatt intlaqghet."*

**10.** L-appellati fir-risposta taghhom isostnu li l-Koporazzjoni ma kinitx korretta meta qalet li huma kienu rrinunzjaw ghad-drittijiet taghhom. Huma qalu li kienu hadu passi permezz tal-intervent tal-Union li tirrapprezentahom u l-kaz spicca quddiem it-Tribunal Industrijali li fl-award tieghi kien indika li l-kwistjoni ghandha tigi rizolta bis-sahha ta' ftehim kollettiv.

**11.** L-istess bhalma ghamlet fil-kaz ta' l-appellata Inginier Vella, din il-Qorti ezaminat l-Ittra ta' Ingagg (a fol. 137) u l-ittra ta' bdil tan-nomenklatura (a fol. 138) u l-ittra tal-hatra (a fol. 139) li jirregolaw il-kuntratt ta' servizz ta' John Mizzi, u jirrizultalha li l-kundizzjonijiet tal-impjieg tieghu huma regolati mill-ftehim kollettiv. Minn imkien ma rrizulta li b'xi mod l-Inginier Mizzi kien assocja ruhu mal-arrangamenti li kienu saru fl-1993. Waqt il-kontro-ezami tieghu, l-appellat Inginier Mizzi qal li: "*Lili kif ghidt qaluli illi rrid naghmel on call. Jiena min-naha tieghi ma rrifjutajtx illi naghmel dan it-tip ta' xoghol. Pero` ma kinitx xi haga li qaluli ghandi l-*

*ghazla*."[32] Fid-depozizzjoni tieghu huwa kien kompla jghid li: "*Jiena meta bdejt naghmel dan it-tip ta' xoghol bdejt nircievi l-istess rata ta' hlas illi kienet tircievi l-kollega tieghi, pero` jiena ftehim ma ghamilt ma hadd fuq ir-rata tal-hlas. Irrid nispjega wkoll illi jiena naf b'kazijiet ta' kollegi tieghi illi kienu qeghdin fl-on call duty roster u illi sabiex johorgu minn dan it-tip ta' xoghol kellhom jaghmlu certifikat ta' Tabib. Jigifieri din ma hijiex xi haga illi jhalluha fl-ghazla libera tieghek*."[33] John Leonard, kap tas-sezzjoni tal-pagi tal-Korporazzjoni Enemalta jghid: "*Min-naha tal-Inginier Mizzi hadd ma tani xi dokumenti biex jikkonfermali illi hemm xi ftehim dwar ir-rata ta' hlas illi ghandiu (recte: ghandu) jircievi ghall-on call duty.*"[34] Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz tal-appellat Inginier Mizzi id-decizjoni tal-Korporazzjoni li huwa jithallas *on call allowance* inqas minn dak stipulat fil-ftehim kollettiv kienet wahda arbitrarja u tmur kontra l-Artikolu 11(1) tal-Kap. 452, Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li: "*Hlief meta jkun xort'ohra espressament permess bid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, l-ammont kollu tal-paga li impjegat jaqla' jew li ghandha tkun lilu mhallsa, ghandha tigi lilu mhallsa...*" (sottolinear ta' din il-Qorti). Ghalhekk it-tezi tal-Korporazzjoni appellanti li l-Inginier Mizzi accetta li jithallas inqas ghall-*on-call allowance* ma tregix meta jitqies li l-agir taghha kien wiehed abbuziv u illegali. Lanqas ma jregi l-argument li l-appellati rrinunzjaw ghad-drittijiet taghhom meta jitqiesu l-provi kollha li dawn gabu dwar li huma dejjem riedu jithallsu bhal shabhom l-inginiera l-ohra f'Malta, u l-passi li hadu biex il-Korporazzjoni thallashom skond il-ftehim kollettiv.

**12.** Ir-raba' aggravju tal-Korporazzjoni appellanti hu fis-sens li l-ewwel Qorti kkontradixxiet ruhha meta filwaqt li qalet li novazzjoni, bhala forma ta' estinzjoni ta' obbligazzjoni, qatt ma tista' tigi prezunta u fid-dubju ghandha tigi eskluza, fl-istess waqt "assumiet" li hija – cioe` l-Korporazzjoni – kellha l-intenzjoni illi tissostitwixxi *"id-debitu li hija inkorriet bl-iskrittura tal-5 ta' Novembru 1993"* b'xi ftehim iehor. Din il-Qorti, pero`, tara (kif diga`

---

[32] A fol. 178
[33] Ibid.
[34] A fol. 180

accennat aktar 'l fuq) li l-kwistjoni tan-novazzjoni ddahhlet mill-Korporazzjoni bhala *red herring* f'din il-kwistjoni kollha. Apparti li d-Dokument A a fol. 12 ma kienx proprjament ftehim izda intuza biss bhala bazi ghal arrangament temporanju, dak li kien jorbot (wara li gie ffirmat) kien dejjem il-ftehim kollettiv li kien fis-sehh minn zmien ghal zmien, liema ftehim ma kienux jiddistingwu bejn Malta u Ghawdex. Kien skond dak il-ftehim kollettiv li l-appellati kellhom jithallsu. Ghalhekk dana l-aggravju ma jimmerita ebda konsiderazzjoni aktar. Konsegwentement l-aggravji kollha tal-Korporazzjoni appellanta qed jigu respinti.

## Decide

**13.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, prevja li tichad l-appell tal-Korporazzjoni Enemalta, tikkonferma *in toto* is-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu wkoll mill-istess Korporazzjoni konvenuta. Tordna li l-atti ta' din il-kawza jigu minnufih rinvjati quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------